MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 520/2005

**John Vella**

**vs**

**Catherine Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur fl-10 ta' Ottubru, 2005 fejn talab lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenuta biex tersaq ghal likwidazzjoni u hals ta' danni kkagunati minnha lill-attur stante incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta' Frar 2005, fit-2:45p.m. fi Triq Labour, Zabbar meta l-attur kien qed isuq mutur tal-marka Fight Peugeot, bin-numru tar-registrazzjoni EBF 252, filwaqt li l-konvenuta kienet qieghda ssuq karozza tal-marka Toyota, bin-numru tar-registrazzjoni MAT 685, liema incident sehh tort unikament tal-konvenuta minhabba mperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Id-danni sofferti mill-attur huma tat-tip *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans.*

Illi ai fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi d-danni ma jeccedux il-hamest elef lira Maltin (Lm5,000).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta u l-imghax kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Catherine Scicluna fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur, u dan stante illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-konvenuta izda unikament tort tal-attur u minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jipprova kwalunkwe debilita' permanenti allegatament sofferta minnu, u dana permezz ta' l-opra ta' periti medici kwalifikati u appositi.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Mejju 2006 fejn innominat lil Mr Charles Grixti bhala Kirurgu Specjalista sabiex jezamina lill-attur u jirrelata dwar id-debilita' permanenti minnu sofferta kawza ta' dan l-incident.

Rat ir-relazzjoni tal-espert minnha nnominat ipprezentat fid-29 t'Awissu 2006 u mahluf fis-16 ta' Jannar 2007.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fil-5 ta' Frar 2005 l-attur kien qed isuq il-mutur Peugeot EBF 252 f'Labour Avenue Zabbar fid-direzzjoni tal-Fgura. Il-konvenuta kienet qieghda ssuq

vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni MAT 685 fid-direzzjoni opposta. Meta din giet fil-fetha biex iddur lejn il-lemin ghac-centru ta' Haz-Zabbar, laqtet lill-attur li kien qed isuq fil-karreggjata opposta.

L-attur xehed (fol 10) li dak il-hin tal-incident kellu tlieta u erbghin sena u kien qed isuq b'velocita' ta' tletin kilometru fis-siegha (30k.m.). Wara illi l-konvenuta daret ghal fuqu u baqghet diehla go fih, tar minn fuq il-mutur, habat geddumu mal-windscreen u kiser subajh tan-nofs ta' idu x-xellugija. Gie operat u sarulu diversi punti f'geddumu. Dam xahar wieqaf mix-xoghol minhabba dan l-incident. L-attur esebixxa certifikat mill-kirurgu Mr Victor Sultana illi kkalkola l-persentagg ta' debilita' permanenti fl-ammont ta' hamsa fil-mija (5%), dana l-ghaliex l-attur ghandu xoghol ta' welder mal-Malta Shipyards u ma jistax jaghmel xoghol ta' strapazz kif kien jaghmel qabel (ara certifikat a fol 11).

Min nahha l-ohra l-konvenuta xehdet (fol 42) illi dak inhar ta' l-incident hi kienet qieghda ssuq il-vettura taghha mill-Fgura lejn Haz-Zabbar u riedet iddur ghal go triq sekondarja biex tehodha ghal Haz-Zabbar u harset fil-mirja u rat illi fil-boghod kien hemm mutur. Ikkalkulat illi kienet qieghda boghod bizzejjed minnu biex iddur minghajr ma tkun ta' ostakolu u ghalhekk xeghlet l-indicator, bdiet iddur, izda ezatt kif ghamlet l-ewwel manuvra rat il-mutur mal-mudguard taghha, habat mal-bieba tal-lemin in-nahha tal-passiggier. Ikkonfermat il-posizzjonijiet tal-vetturi kif jidhru fl-sketch esebit a fol 28. Ghamlet referenza tar-rapport tal-pulizija fejn hawnhekk irrizulta li kienet qaltlu li l-mutur ma ratux. B'dana riedet tifhem li ma ratux vicin taghha. Dak il-hin kienet mifxula u ma kienetx taf x'kienet qieghda tghid bil-qatgha li hadet.

Irrizulta wkoll illi kawza ta' dan l-incident l-attur baqa' barra mix-xoghol ghal xahar bejn il-5 ta' Frar u s-7 ta' Marzu 2005 (fol 38). Ghandu paga bazika ta' mija u sebgha liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm107.79) (fol 39). F'dak ix-xahar tilef *overtime* fl-ammont ta' sitt mija u tnax-il lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm612.79) (fol 37) kif ukoll nofs xahar paga li altrimenti kien ikun intitolat ghaliha li kieku ma hax is-*sick leave* fl-ammont ta' mitejn u

hmistax-il lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm215.58) (fol 37).

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ssib illi ghandha hafna x'ticcensura fl-operat tal-konvenuta Catherine Scicluna li riedet taqsam karreggjata principali biex tkompli fit-triq taghha lejn ic-centru ta' Haz-Zabbar. Il-prekawzjonijiet illi hadet Scicluna meta waslet fl-inkrocju m'humiex sodisfacenti. Apparti l-fatt illi l-versjoni li tat lill-pulizja hija differenti minn dik illi tat il-Qorti, imma anke jekk il-Qorti temmen il-versjoni moghtija quddiemha, jirrizulta illi Scicluna kellha nuqqasijiet kbar, aktar u aktar meta skond hi qalet illi rat il-mutur gej mill-boghod u kkalkolat illi setghet tghaddi, izda ezatt kif ghamlet l-ewwel manuvra, sar l-impatt. Evidentement il-konvenuta hawnhekk ghamlet kalkolu hazin. Jekk verament rat lill-attur gej fil-karreggjata opposta, kien imissha taghtu d-dritta u thallieh ghaddej qabel ma hija tkompli fit-triq taghha. Il-fatt illi fi kliemha stess l-impatt gara hekk kif ghamlet l-ewwel mossa biex iddur lejn il-lemin tfisser illi l-attur kien vicin taghha ferm aktar milli hasbet jew inkella addirittura ma ratux, kif qalet l-ewwel darba lis-surgent li nvestiga l-incident. Dan ifisser nuqqas ta' *proper look out* serju da parti tal-konvenuta illi kien il-kawza principali ta' dan l-incident. M'huwiex bizzejjed illi l-konvenuta ghamlet l-indicator u qabdet biex iddur. Kellha tassigura illi hija setghet taghmel hekk minghajr perikolu la ghaliha u lanqas ghall-utenti l-ohra tat-triq. Il-fatt biss li gara l-incident meta suppost skond il-konvenuta hadet xi prekawzjonijiet ifisser illi dawn il-prekawzjonijiet mhux vera hadithom jew jekk hadithom ma kienux sodisfacenti.

Il-konvenuta kienet f'posizzjoni ferm skabruza dak il-hin ta' l-incident meta kellha tiddisturba l-kors normali tat-traffiku ta' karreggjata opposta. F'din is-sitwazzjoni kien jinkombi fuqha attenzjoni massima biex tassigura illi setghet taghmel dak id-disturb minghajr perikolu ta' xejn, izda dan ma ghamlithux, u b'certa traskuragni qabdet u daret u qasmet karreggjata minghajr ma hadet kaz partikolari tal-

vetturi li kienu diga' qeghdin fit-triq u kien kawza ta' hekk illi gara dan l-incident fejn l-attur sofra d-danni fuq il-mutur kif ukoll fuq il-persuna tieghu u spicca b'debilita' permanenti ta' wiehed fil-mija (1%) (ara rapport ta' Mr Charles Grixti) .

Fil-parti konkluzzjonali tieghu Mr Charles Grixti nominat minn din il-Qorti qal illi *"John Vella sofra ticrita f'geddumu kif ukoll ksur tal-falangi tan-nofs tas-sebgha tan-nofs ta' id ix-xellugija kagun ta' l-incident li kellu fil-5 ta' Frar 2005. Il-ksur ghaqad tajjeb izda l-gok tat-tarf tas-sebgha tan-nofs tax-xellug ma setghax jitghawweg bis-shih. Ladarba ma gabx il-grad ta' moviment mehtieg issa illi ghadda sena u nofs mill-incident m'hemmx cans illi dan jigri. Minhabba dan jiena nistma d-dezibilita' permanenti li sofra Vella kagun ta' l-incident illi kellu fil-5 ta' Frar 2005 ta' wiehed fil-mija (1%)"* (fol 48-49).

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta' ta' l-incident il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju illi ta' dan ghandha twiegeb il-konvenuta kawza ta' decizzjoni rresponsabbli illi taqsam karreggjata minghajr ma tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega.

Ghal dak li jirrigwarda d-danni, l-Qorti taghmel referenza ghal verbal ta' l-attur tas-16 ta' Mejju 2006 (fol 21) fejn iddikjara li huwa thallas mill-assikurazzjoni ghad-danni li sofra l-mutur tieghu kawza ta' dan l-incident u f'din l-istanza qed jillimita' t-talba tieghu ghal dawk illi huma *lucrum cessans*. Minkejja illi l-attur ma tilifx paga, b'daqshekk ma jfissirx illi huwa ma kellhux jigi kompensat ladarba kellu persentagg ta' debilita' permanenti.

Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Joseph Attard vs Carmelo D'Amato fit-22 ta' Ottubru 2002 il-Qorti qalet illi ma kienx sew illi vittma ma jigix kompensat wara incident tat-traffiku li fih sofra debilita' permanenti peress illi ma sofra l-ebda telf ta' paga, aktar u aktar meta l-Qrati taghna s'issa ghadhom m'humiex qeghdin jirrikonoxxu d-dritt tal-persuna illi jitlob ghal danni morali.

Irrizulta illi l-attur kellu tlieta u erbghin sena dakinhar ta' l-incident, quindi kellu *working life expectancy* ta' tmintax-il sena sakemm jaghlaq wiehed u sittin sena. Ghal dak li huwa salarju xehed illi kellu mija u sebgha liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm107.79) fil-gimgha (fol 37) u ghal fini tal-komputazzjoni l-Qorti ser tikkalkola din il-paga fl-ammont ta' mija u ghaxra fil-gimgha (Lm110) biex taghmel tajjeb ghal xi zidiet li jista' jkollu matul is-snin. Dan igib total ta' hamest elef sebgha mija u ghoxrin lira Maltija (Lm5720) fis-sena, multiplikati bi tmintax jigu Lm102960. Dan multiplikat b'wiehed fil-mija (1%) jigi ghal Lm1029.60. Ma' dawn il-Qorti zzid Lm612.79 li huwa t-telf ta' l-overtime ghal dak ix-xahar illi baqa' bla xoghol u kif ukoll l-ammont ta' mitejn u hmistax-il lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm215.58) nofs xahar paga li kien ikun intitolat ghalih li kieku ma hax is-sick leave li jgib total elf tminn mija u sebgha u hamsin lira Maltija u sebgha u disghsin centezmu (Lm1857.97). Peress illi din ic-cifra m'hijiex xi wahda gholja, l-Qorti m'hijiex ser taghmel xi tnaqqis minnha minhabba *lump sum payment*.
Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tilqa' t-talba ta' l-attur. Tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident illi gara fil-5 ta' Frar 2005 fi Triq Labour, Haz-Zabbar bejn il-vettura *Toyota MAT* 685 misjuqa minnha u mutur Peugeot EBF 252 misjuq mill-attur u dana minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti ta' l-istess konvenuta. Tillikwida l-ammont ta' danni li sofra l-attur fl-ammont ta' elf tminn mija tmienja u hamsin lira Maltin (Lm1858) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------